MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 314/2011

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 2227/2011, fl-ismijiet**

**Joseph Camilleri (217158M)**

**Vs**

**Jesmond Pulis (105965M) u Lorry Theuma (667658M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Lawrence sive Lorry Theuma li bih, wara li ppremetta illi l-mandat ta' sekwestru odjern gie ntavolat mill-imsemmi Joseph Camilleri wara li halef li s-sekwestrati huma debituri lejh fl-ammont ta' tlett elef euro (€3,000), bilanc minn ammont akbar rappresentanti bejgh ta' trakk;

Illi l-istess mandat gie akkordat fit-29 ta' Lulju, 2011;

Illi effettivament l-esponenti ghandu biss kont wiehed attiv mal-Bank of Valletta Limited, f'liema kont tidhol il-pensjoni tieghu, u *cioe* 'Australian Government Pension';

Illi dan l-introjtu hu ta' bzonn ghall-esponent, stante li huwa d-dhul principali tieghu u permezz tieghu l-esponent jghix hu u jmantni lil zewg uliedu, Iliziano ta' 15-il sena u Olanda ta' 14-il sena, li jghixu mieghu;

Illi, apparti dan, it-trakk indikat fl-imsemmi mandat ta' sekwestru inbiegh lis-sekwestrat l-iehor, u cioe' lil Jesmond Pulis, u mhux lill-esponent stante li l-istess esponent kien hareg minn negozju sa min qabel ma gie trasferit l-istess trakk;

L-esponenti talab bir-rispett li din il-Qorti joghgobha tiddekreta li l-mandat ta' sekwestru fuq indikat m'ghandux japplika ghall-esponent u li l-effett tieghu m'ghandux jikkolpixxi l-kontijiet bankarji li huma f'isem l-esponent, jew, alternattivament, tordna li l-imsemmi Bank of Valletta Limited ghandu jirrilaxxa favur l-esponent dak l-ammont kollu li l-istess esponent ikollu bzonn sabiex ikun jista' jghix hu u jghajjex li-zewg uliedu fuq indikati, skond kif tiddeciedi din il-Qorti.

Rat <u>ir-risposta</u> ta' Joseph Camilleri (fol 3 ibid) u li biha wiegeb umilment:-

Illi s-sekwestru odjern gie ntavolat kontra s-sekwestrati minhabba li skond skrittura datata 18 ta' Frar 2011, annessa u mmarkata bhala Dok A, jidher li dawn huma debituri lejn Joseph Camilleri fl-ammont ta' tlett t'elef ewro, liema ammont huwa bilanc minn somma aktar.

Illi anki jekk l-esponenti hareg minn negozju, skond l-iskrittura annessa, iz-zewg sekwestrati huma debituri ta' l-imsemmi Joseph Camilleri.

Illi l-mandat ta' sekwestru sar fuq il-kontijiet bankarji tas-sekwestrati u mhux fuq il-pensjoni ta' sekwestrat Lorry Theuma.

Daqstant l-esponent ghandu l-unur li jwiegeb u jhalli ghall-gudizzju savju u superjuri ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-mandat ta' sekwestru in atti a fol 5, l-intimat ikkawtela kreditu ta' €3,000 allegatament bilanc minn somma akbar rappresentant bejgh ta'trakk lil Jesmond Pulis u lir-rikorrenti. Bhala konsegwenza ta' dan gew sekwestrati flejjes depositati f'kont bankarju intestat lir-rikorrenti f'liema kont tigi depositata il-pensjoni msemmija fl-istess rikors, liema pensjoni hi s-sors principali tal-ghixien ghalih u ghal zewg uliedu rispettivament ta' sittax-il sena u tmintax-il-sena' bhala eta u mhux kif hemm imnizzel fir-rikors promotur.

Illi l-allegat kreditu tal-intimat hu basat fuq l-iskrittura esebita in atti a fol 4 u markata Dok A liema skrittura tistipula dak li gie miftiehem mill-partijiet dwar il-prezz tal-istess trakk mibjugh lill-intimat u lill-imsemmi Jesmond Pulis b'bilanc ta' €3,000 mill-prezz globali allegatament dovut.

Ikkunsidrat

Illi l-intimat meta xehed fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2011 spjega li kien verament, akkwista parti mit-trakk. Izda Jesmond Pulis (seduta tal-istess data) qal illi hu u r-rikorrenti kienu shab izda ma baqghux hekk. Dwar l-iskrittura hu testwalment qal 'm'ghandhiex idea l-ghala l-iskrittura a fol erb(gh)a saret kif saret l-iskrittura nkitbet mis-segretarja tieghi'. Inoltre kienet saret it-'transfer' tal-istess trakk mhux fuq ismi u tar-rikorrenti izda fuq socjeta bl-isem ta' 'XTC Towing Service Limited'.

Ikunsidrat

Illi jidher li hu minnu li s-sekwestru ma sarx fuq il-pensjoni tar-rikorrenti li hu jircievi minn Gvern barrani izda fuq l-uniku kont bankarju li skond ir-rikorrenti, jipposjedi. Sfortunatament jidher li l-istess pensjoni tigi depositata direttament fl-istess kont u ghalhekk tigi soggetta ghall-mandat in esami.  Minhabba hekk, ma hemm ebda raguni valida fil-ligi li a bazi taghha tista' tilqa' t-talbiet maghmulin mill-istess rikorrenti.

Ikkunsidrat

Illi, inoltre ghandu jinghad li jekk fil-fatt inthlahaq xi ftehim bejn ir-rikorrenti u Jesmond PUlis dwar it-trakk involut, dan certament ghandu 'prima facie' jigi kunsiderat bhala 'res inter alios acta' stante li l-intimat jidher li kien estraneu ghalih.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjes jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------